Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 31/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 29 ta' Frar 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Skużat
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Online
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Online
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

31. 1 Ittri ta' Apoloġija

31.1.1 Il-President semma li fl-aħħar ħin diversi Sindki talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu skużati.

31.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 29

31.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 31 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

31.2.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Jorge Grech il-minuti ġew approvati kif preżentati.

31.3 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urgenza Nu 30

31.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 30 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

31.3.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Wayne Aquilina il-minuti ġew approvati kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

31.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 26

31.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Jannar 2024 u d-29 ta' Frar 2024 li kienet tammonta għall-€ 223,817.53.

31.4 Punti oħrajn

31.5.1 Belt Kapitali Ewropea 2031

Il-President semma li kien irċieva komunikazzjoni qabel il-laqgħa mill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex il-Fondazzjoni ma tiġix diskussa peress li mhux ser ikun hemm is-Sindku preżenti għal-laqgħa. Għaldaqstant, is-Sindku talab li dan is-suġġett ikun diskuss f' laqgħa oħra mrta huwa jkun preżenti.
Il-President qal li huwa obbligat li jinforma lil dawk preżenti d' dak li kien sar s' issa u b' dak li kien għaddej.
Il-President semma li saret laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu mal-Amministarturi tal-Fondazzjoni fejn kienu diskussi l-bidliet li jridu jagħmlu fl-istatut tal-Fondazzjoni.
Semma li saret laqgħa oħra mal-VCA fejn kien iċċarat u gwidat li l-istatut kellu jkun mibn fq dak tal-V18 hekk kif emendat fis-sena 2014. Il-President semma li kienu infurmati wkoll li l-ħatra ta' chairperson kellha tkun mill-Ministru.
Il-President semma li kien hemm laqgħa oħra mad-Direttur Ġenerali, Segretarju Permanenti, VCA fil-preżenza tal-Kunsill, ir-Reġjun u anki l-Amministraturi tal-Fondazzjoni. Il-Presdent semma li skond il-VCA, ir-Reġjun Għawdex lest l-Fondazzjonii u mexa fuq dak kollu li kienu ssuġerew mill-VCA.
Il-President semma li huwa jinstab iddiżappuntat għal dak kollu li nqala' u li bħal donnu r-Reġjun ma jistax ikompli mixi semma li dan huwa riżultat li r-Reġjun mhux dejjem kien infurmat b' laqgħat li kienu għaddejjin bejn il-Kunsill u l-Amministraturi.
Semma wkoll li jidher li hemm problema għax l-Amministraturi jidhru li huma urtati bil-bidliet li VCA qed tipproponi.
Il-President semma wkoll li minkejja li fl-aħħar laqgħat kollox kien jindika li jekk il-Belt Valletta tkun parti mil-Bid book preżentat, ir-Reġjun u l-Kunsill jiġu awtomatikament skwalifikati. Semma li issa bħal donnha din il-verżjoni inbidlet u jisher li l-pjaniet li l-Belt titneħħa mir-Reġjun m'għadhomx hemm.
Il-President semma li ir-reġjun flimkien mal-Kunsill irċievew l-ewwel kont ta' €5,000 mill-avukati li issa ijlhom bosta xhur ibidlu u jemendaw fl-istatut.

Il-President semma wkoll li kull Kunsill Lokali kellu jibda jressaq proposti li jkunu jistgħu jidħlu fil-bid book.

31.5.2 Direttiva 2/2023

Il-President semma li d-Diviżjoni baqgħet għaddejja bid-Direttiva li ħarġet rigward il-managers. Semma li managers qed jiġu ingaġġati fi skala 7 notch 7 u li hemm diversi kondizzjonijiet li bihom ser ipoġġu fi preġudizzju l-iskala ta' Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.
Il-President semma li ladarba issa hemm direzzjoni r-Reġjun ser ikun qed joħroġ sejħa għall-Uffiċjali Maniġerjali tal-Kultura.

31.5.3 Latrini Awtomoatiċi

Il-President semma li r-Reġjun irċieva komunikazzjoni u għaddija lill-Kunsilli Lokali li d-Diviżjoni infurmat li d-data tal-għeluq għal din l-iskema ser tkun f' Marzu 2025.

31.5.4 Skema LESA

Il-President semma li l-applikazzjoni għall-fondi għall-iskema tal-LESA kienet ġiet sottomessa fil-ħin.

31.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjaru għas-sena 2023 Awditjat

31.6.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2023 awditjat. Il-President semma li inħabba raġunijiet relatati ma' ħlasijiet fuq ġbir u immaniġjar ta' skart fil-lokalitajiet, ir-Reġjun kien qed jagħlaq is-sena b' deficit. Semma li dan id-deficit jiġi newtralizzat biss jekk ir-Reġjun jibda jiġbor spejjeż relatati mal-ġbir tal-ħġieġ u skart riċiklabbli inkluż dak tal-kummerċjal kif ukoll ġbir ta' skart organiku inkluż dak taċ-ċimiterji mill-Wasteserv.

Kien hemm referenza wkoll li waqt l-awdijat inġibdet l-attenzjoni fuq il-fondi li r-Reġjun għandu pparkjati għandu mid-Dipartiment għall-iskemi. Semma li l-awdituri irrmarkaw li r-Reġjuni ma' jistgħux iżommu biss il-flus imma riedu supporting documentation għaliex qed jirrifondu lill-Kunsilli Lokali.

Kien hemm ukoll referenza li meta ġie awditjat il-file ta' tender, ir-Reġjun qatt ma ġie mitlub mid-Diviżjoni jew mid-Dipartiment tal-Kunstratti li tkun iffirmata Financial Committment Form. Semma li dan ġara minkejja li r-Reġjun huwa l-Contracting Authority.

31.6.2 Il-President propona li r-Rapport jiġi approvat kif qed jiġi preżentat. Fuq proposta tal-Presidnet issekondata mis-Sur Jorge Grech, IL-Kumitat approva r-rapport.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

31.7 Aġġornament

31.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta ta' tmienja ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv